# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 185/08MH**

**Illum 4 ta' Ottubru, 2017**

**Christian Muscat [K.I. 166379M]**

**vs**

**Awtorita' dwar it-Trasport, Direttorat tat-Toroq, Kunsill Lokali Attard u Schembri Barbros Limited (C-9577)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attur** tal-21 ta' Frar 2008 fejn gie premess:

*"1. Peress illi fit-3 ta' Novembru 2006, l-esponenti Christian Muscat kien qed isuq il-mutur numru ta' registrazzjoni numru CSM – 154 propjeta ta' Claire Said gewwa Imdina Road, Attard direzzjoni mir-Rabat lejn Attard u propju propju ftit metri l-boghod minn l-entratura ghal isptar Monte Carmeli u dana waqt il-lejl;*

*2. Peress illi dakinhar stess minhabba negligenza imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku, ir-rikorrenti spicca biex kien involut f'habta go struttura li kienet ghadha kemm giet kostruita u f'arblu tad-dawl li kien fl-istess struttura;*

*3. Illi ghal dan l-incident jahtu l-konvenuti intimati, jew min minnhom, u dan peress illi f'dak iz-zmien ezattament, l-intimati jew min minnhom, kienu qed jaghmlu xoghlijiet li llum il-gurnata huwa saput li saru sabiex tithejja entratura ghal pompa tal-petrol li saret propju fil-vicinanzi ta' fejn sehh l-incident;*

*4. Illi fost dawn ix-xoghlijiet l-intimati ikkostruwew 'round about' li qabel ma kinetx ezistenti u mhux biss izda hallew ghal waqt dak il-perjodu li sehh l-incident arblu tad-dawl fuq quddiem ta' dina 'r-round about', liema arblu ma kienx inqala mil-ewwel u thalla hemm wara li qabel ma saru x-xoghlijiet imsemmija kien kostruwit fis-'central strip' li kienet ezistenti;*

*5. Illi biex l-ambjenti immedjati ta' fejn kienu qed isiru dawn ix-xoghlijiet ikomplu jirrendu lilhom infushom aktar perikoluzi, l-intimati jew minn minnhom, anqas biss indenjaw ruhhom jaghmlu avviz ghal dawn ix-xoghlijiet li kienu qed isiru jew ghal lanqas filghaxija, ossia il-hin meta sehh l-incident stradali in kwistjoni, jixghelu u jdawwlu s-sit sabiex min ikun qed isuq u jkun imdorri ghal snin shah juza it-triq kif kienet qabel ma jsibx ruhu f'sitwazzjonijiet perikoluzi ghas-sewqan;*

*6. Illi l-esponenti gia interpella lill-intimati permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Jannar 2007, sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta' danni sofferti mill-esponenti;*

*7. Illi per konsegwenza tal-mod perikoluz ta' kif saru x-xoghlijiet in kwistjoni, fl-incident stradali li sehh kif inghad fit-3 ta' Novembru 2006 l-esponenti garrab griehi fuq il-persuna tieghu u sofra debilita permanenti, kif gie certifikat minn esperti medici;*

*8. Illi per konsegwenza ta' dan l-incident l-esponenti sofra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati konvenuti jew minn minnhom ghaliex ma' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara lill-konvenuti intimati jew minn minnhom responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u b'konsegwenza tal-istess incident ghad-danni kollha li sofra l-attur rikorrenti;*
2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur rikorrenti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;*
3. *Tikkundanna lill-konvenuti intimati jew minn minnhom ihallsu lill-attur rikorrenti dak l-ammont li jigi likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjez inkluzi dik tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Jannar 2007, tal-protest gudizzjarju u bl-imghax legali kontra l-konvenuti intimati ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-Kunsill Lokali Attard** tat-23 t' April 2008[1] li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

*"1. Illi, in linea preliminari, il-Kunsill konvenut iwiegeb illi l-pretensjoni hekk kif diretta mill-attur kontra tieghu hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana bili t-triq fejn sehh l-incident in kwistjoni ma taqax skond il-ligi taht il-gurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut u fit-tieni lok il-Kunsill Lokali konvenut ma kellu xejn x'jaqsam max-xoghol li sehh fit-triq in kwistjoni.Ghalhekk il-Kunsill Lokali konvenut ghandu minnufih u qabel xejn jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju;*

*2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill Lokali konvenut m'ghandu jgorr l-ebda responsabbilta' versu l-attur in konnessjoni ma' l-incident in kwistjoni;*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjoni ta' l-attur hija wahda esagerata;*

*4. Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez, billi dak li huwa hawn imnizzel gja' gie ikkomunikat lill-attur fi twegiba maghmula mill-Kunsill Lokali konvenut ghall-ittra ufficcjali mressqa mill-attur, il-Kunsill Lokali m'ghandu jwiegeb ghall-ebda spejjez;*

*5. Salv difiza ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta guramentata.

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjeta' Schembri Barbros Limited** tat-23 t' April 2008[2] li permezz taghha ressqet s-segwenti eccezzjonijiet:

[1] Fol 12 et seq
[2] Fol 16

*1. L-ewwel talba tar-rikorrent kif dedotta kontra s-socjeta' intimata ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-istess rikorrent minhabba nuqqas ta' "proper lookout". Min-naha taghha, is-socjeta' intimata, ottemperat ruhha mal-obbligu taghha li tavza lill-pubbliku b'mod opportun li kienu qed isiru xoghlijiet stradali, permezz ta' "glass markers" u tabelli.*

*2. It-tieni talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tkun rigettata stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrent. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, il-pretensjoni tar-rikorrent li konsegwenza tal-incident hu garrab debilta' permanenti hija kontestata u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.*

*3. It-tielet talba tar-rikorrent ghandha tkun michuda billi s-socjeta' esponenti m'ghandiex tkun kostretta thallas ebda danni lir-rikorrent.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat **ir-risposta guramentata tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta** tal-25 t' April 2008[3] li permezz taghha ressqet s-segwenti eccezzjonijiet:

*"1. Illi prelimarjament ir-responsabbiltajiet tad-Direttorat tat-Toroq jaqghu taht il- mansjoni ta' l-Awtorita' Dwar it-Transport ta' Malta ai termini tal-Kap. 332 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant id-Direttorat tat-Toroq ghandu jigi liberat mill-gudizzju;*

*2. Illi prelimarjament u minghajr pregudizzju, l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta mhiex il-legittimu kontradittur ghal din l-azzjoni stante illi hija ma*

[3] Fol 18 et seq

*kienetx responsabbli mill-bini u/jew kostruzzjoni ta' roundabouts fi triq l-Imdina, Attard.*

*3.Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi l-Awtorita' konvenuta ma wettqietx u lanqas qabbdet lil terzi ghan-nom taghha sabiex jaghmlu xi xoghlijiet fit-triq imsemmija fejn gara l-allegat incident kif ser jirrizulta matul il-kawza.*

*4.Illi minghajr pregudizzju, fit-triq in kwistjoni u cioe Triq l-Imdina, Attard u fiz-zminijiet indikati mill-attur, kienu qed isiru xoghlijiet minn terzi persuni. Dawn ix-xoghlijiet ma kienux imqabbdin jew ikontrattati mill-Awtorita' konvenuta u ghaldaqstant l-awtorita' konvenuta mhiex responsabbli ghall-allegat incident u konsegwentament ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni li sofra l-attur.*

*5.Illi minghajr pregudizzju terzi persuni illi jkunu jridu jaghmlu xi xoghlijiet f'toroq arterjali bhal ma hija Triq l-Imdina, Attard iridu jottenju permess mill-Awtorita' konvenuti qabel jibdew ix-xoghlijiet.*

*6.Illi minghajr pregudizzju l-Awtorita' konvenuta kienet harget permess sabiex isiru xoghlijiet fit-triq in kwistjoni bejn l-4 ta' Settembru 2006 sat-3 ta' Novembru 2006 liema permess kellu diversi kondizzjonijiet inkluz illi l-kuntrattur illi jkun qed jaghmel ix-xoghlijiet ghan-nom ta' terzi kellu jara li jaghmel is-senjalatika u diversion signs adekwati.*

*7. Illi l-permess mahrug jistipula fost kundizzjonijiet ohra illi "adequate signage to be st out 24 hours a day for the whole duration of the works.", kif ukoll illi "appropriate signs, warning of the deviation, are to be located on the*

*approach to the site in caption at 500m, 200m, 100m, 50m and 25m and at any other location specified."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-risposta guramentata.
Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ir-rapport tal-espert mediku mqabbad minnha Mr Massimo Abela[4] kif ukoll ir-rapport mediku *ex parte* Mr Charles Grixti[5].

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Qieset illi l-kaz tal-lum huwa konness mal-proceduri fl-ismijiet Claire Said vs Awtorita' dwar it-Trasport et (Rik Gur Nru 181/08) li llum ser tinghata sentenza dwarhom ukoll.**

Rat l-atti kollha tal-kawza odjerna u dawk tal-kawza Rik Gur Nru 181/08.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum l-attur kien involut f'incident tat-traffiku bil-mutur li fih wegga' u ghaldaqstant qieghed ifittex ghad-danni lill-konvenuti jew min minnhom peress li fil-fehma tieghu huma ghandhom igorru r-responsabbilta' ghall-akkadut.

Minn naha l-ohra, l-konvenuti kollha qeghdin jichdu kwalunkwe responsabbilta'.

**Ikkunsidrat:**

---

[4] Fol 90 et seq
[5] Fol 92 et seq fl-inkartament tal-kaz konness 181/08

Qabel kull kunsiderazzjoni ohra l-Qorti sejra tqis l-eccezzjonijiet preliminari mressqa minn uhud mill-konvenuti.

**1. L-eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali Attard**

Din l-eccezzjoni tghid hekk:

*"Illi in linea preliminari, l-Kunsill konvenut iwiegeb illi l-pretensjoni hekk kif diretta mill-attur kontra tieghu hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi t-triq fejn sehh l-incident in kwistjoni ma taqax skont il-ligi that il-gurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut u fit-tieni lok il-Kunsill Lokali konvenut ma kellu xejn x'jaqsam max-xoghol li sehh fit-triq in kwistjoni. Ghalhekk il-Kunsill Lokali konvenut ghandu minnufih u qabel xejn jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju."*

Kif qalet din il-Qorti fil-kaz **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016**[6] **-**

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell****:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad*

[6] Rik Gur 700/14

*eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[7] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

*Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:*

*"Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[8]

Inoltre fil-kaz **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008**[9] inghad li -

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Fl-isfond ta' dawn il-principji, l-Qorti tqis li:

---

[7] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

[8] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

[9] Cit Nru 1236/07

i. **Marika Mifsud, segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Attard**, xehdet li Triq l-Imdina, fejn sehh l-incident ma taqax taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali ghax din hija triq arterjali u taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Awtorita' konvenuta dwar it-Trasport[10];

ii. Dan huwa konfermat mill-**perit David Vassallo, Manager fi hdan Transport Malta** li qal hekk –

*"Qed nigi mistoqsi jekk Mdina Road tistax tigi klassifikata bhala triq arterjali nghid li iva. Nghid li triq arterjali, il-maintenance taghha jaqa' taht it-Transport Malta.....*[11]*";*

iii. Ghar-rigward ta' permessi ghal xoghlijiet f'din it-triq, l-istess **Marika Mifsud** tkompli tghid li –

*"ahna ma nidhlu xejn bhala kunsill fir-rigward ta' dan ghaliex it-triq hija arterjali*[12]*."*

Huwa minnu li qabel ma jinhareg il-permess ghal xoghlijiet, diversi entitajiet fosthom il-Kunsill jintalbu jiddikjaraw jekk ghandhomx oggezzjoni jew le, izda r-rwol tal-Kunsill jieqaf hemm. Fil-kaz odjern, fis-7 t'Awissu 2006, il-Kunsill Lokali ma kien iddikjara li huwa ma kellu ebda oggezzjoni ghal dawn ix-xoghlijiet[13];

iv. L-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta), fir-raba' Skeda tieghu jelenka l-hwejjeg eskluzi mir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali fosthom:

*"It-toroq arterji u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali.";*

[10] Fol 72
[11] Fol 82-83
[12] Fol 102D
[13] Fol 122 tal-inkartament tal-kaz konness 181/08

v. Il-lista tat-toroq arterjali esibita mill-Kunsill Lokali konvenut turi bic-car li Triq l-Imdina, Attard hija wahda mit-toroq arterjali[14].

Fid-dawl tas-suespost ma jirrizulta li hemm ebda rabta rapport guridiku bejn il-Kunsill Lokali u l-attur li jista' jwassal biex il-Kunsill jirrispondi ghal xi wahda mit-talbiet tar-rikors guramentat peress li t-triq li fiha sehh l-incident, Triq l-Imdina, Attard ma taqax taht ir-responsabbilta' ta' dan il-Kunsill.

**Fic-cirkustanzi l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali Attard u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**2. L-eccezzjonijiet preliminari tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari</u> tal-Awtorita' konvenuta tghid hekk –

*"Illi preliminarjament ir-responsabbiltajiet tad-Direttorat tat-Toroq jaqghu taht il-mansjoni ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ai termini tal-Kap 332 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant id-Direttorat tat-Toroq ghandu jigi liberat mill-gudizzju."*

L-Att dwar l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (Kap 332 tal-Ligijiet ta' Malta) kif vigenti fl-epoka tal-incident kien jipprovdi ghat-twaqqif ta' Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta bil-ghan li tezercita' funzjonijiet relatati mat-toroq u transport f'Malta, kif ukoll ghat-twaqqif ta' Direttorati appoziti u sabiex jigu regolati materji relatati u ancillari. Imbaghad, bis-sahha tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta) tal-1 ta' Jannar 2010, giet imwaqqfa l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li assumiet il-funzjonijiet li qabel

[14] Fol 165

kienet tezercita' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta inkluz dawk marbutin mat-toroq.

Huwa car minn dak li appena nghad li l-Awtorita' responsabbli ghad-Direttorati li jirrigwardaw it-toroq f'Malta hija dik konvenuta l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, illum l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

**Isegwi li l-eccezzjoni tal-Awtorita' hija gustifikata.**

<u>It-tieni eccezzjoni preliminari</u> tal-Awtorita' tghid hekk –

*"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta mhiex il-legittimu kontradittur ghal din l-azzjoni stante illi hija ma kinitx responsabbli mill-bini u/jew kostruzzjoni ta' roundabouts fi Triq l-Imdina, Attard."*

Huwa pacifiku mill-provi mressqa, u kif ser jigi amplifikat aktar 'l quddiem fis-sentenza, li x-xoghlijiet li twettqu mill-kuntrattur konvenut Schembri Barbros Limited fi Triq l-Imdina, Attard, gew kommissjonati biss minn sid il-pompa tal-petrol Pit Stop. Madankollu la l-incident sehh fi triq arterjali li taqa' taht il-mansjoni tal-Awtorita' konvenuta, u partikolarment minhabba li l-lanjanzi tal-attur jinkludu allegat nuqqas ta' dwal u senjalagg adegwat fit-triq, il-Qorti tqis li tezisti relazzjoni guridika bejn l-Awtorita' u l-attur li tirrendi lill-istess Awtorita' bhala legittimu kontradittur sabiex tirrispondi ghat-talbiet attrici.

**Din l-eccezzjoni hija ghalhekk michuda.**

Sorvolati l-eccezzjonijiet preliminari, il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-mertu tal-kaz.

## 3. Dinamika tal-incident[15]

Irrizulta mill-provi li nhar it-3 ta' Novembru 2006, f'xi hin bejn l-10.00pm u l-10.30pm, l-attur flimkien ma' martu Claire Said, attrici fil-proceduri konnessi, kienu rekbin fuq mutur proprjeta' taghha numru ta' registrazzjoni CSM-154. Kien l-attur li qieghed isuq il-mutur fi Triq l-Imdina, Attard fid-direzzjoni mir-Rabat lejn Attard. Il-kundizzjonijiet tat-temp kienu tajbin u ma kienx hemm xita. Kif avvicinaw l-akwati tal-pompa tal-petrol li tinsab ftit metri boghod mill-entratura ghall-isptar Monte Carmeli, ezattament ftit qabel *roundabout* gdida li kienet ghadha kif inbniet, l-attur tilef il-kontroll tal-mutur minhabba hmieg u zrar li kien hemm fil-post. Martu ghelbet ghal fuq naha wahda u ma wegghetx. Izda l-attur li kien ghadu fuq il-mutur baqa' diehel gor-*roundabout*, tar minn fuqu u ntilef minn sensih. Il-mutur habat ma' arblu li kien hemm fir-*roundabout* u garrab hsarat.

## 4. Danni b'rizultat tal-incident

Irrizulta mill-provi li kawza ta' dan l-istess incident, mhux biss l-attur garrab feriti li hallew effetti permanenti fuqu, izda saret ukoll hsara fil-mutur proprjeta' ta' Claire Said, l-attrici fil-proceduri konnessi. **Ghall-fini tal-kaz odjern, il-Qorti sejra tqis biss l-effetti tal-feriti li garrab l-attur Christian Muscat**.

Il-**perit mediku mqabbad mill-Qorti Mr Massimo Abela**[16] ikkonstata skont l-istorja tal-fatti moghtija lilu mill-attur u skont id-dokumenti tal-isptar Mater Dei li malli sehh l-incident, l-attur habat rasu u hass ugiegh fil-polz u s-seba' l-kbir tax-xellug kif ukoll fl-irkobba tal-lemin. Wara li ttiehed l-isptar b'ambulanza u nzamm ghall-osservazzjoni, jumejn wara l-incident u cioe' fil-5 ta' Novembru 2006, saritlu operazzjoni minhabba ksur li kellu fis-seba l-kbir ta' idu x-

[15] Xhieda tal-atturi in ezami u in kontro-ezami fiz-zewg kawzi konnessi
[16] Rapport a fol 90 et seq

xellugija. L-ghada gie rilaxxjat mill-isptar. Wara perjodu ta' sitt gimghat tnehhilu l-gibs u l-wire li kellu u nghata l-parir biex jaghmel sessjonijiet ta' fizjoterapija. L-attur dahal lura ghax-xoghol ftit granet wara l-incident.

Fid-data li fiha gie ezaminat l-attur minn dan l-espert, nhar it-23 ta' Marzu 2012, huwa kien ghadu qed jilmenta minn ugiegh u ghebbusija (*stiffness)* fis-seba' l-kbir ta' idu x-xellugija. Kien ihoss ukoll tnemnim fil-parti ta' fuq ta' dan is-seba u kien jiehu pilloli biex itaffi l-ugiegh. L-attur qallu wkoll li l-irkobba tal-lemin ma kinitx ghadha ttellfu.

L-opinjoni medika ta' Mr Abela hi li –

*"Christian Muscat garrab griehi ta' natura serja meta kien involut f'incident tat-traffiku fit-01/11/2006. Garrab ksur tal-parti tas-seba l-kbir tal-id tax-xellug (Bennett's fracture). Kellu bzonn intervent kirurgiku biex jitqieghed f'postu u jigi stabilizzat il-ksur. Konsegwenza diretta tal-ksur li kellu tilef naqra mill-moviment tas-seba l-kbir."*

**Ir-rata ta' dizabilita' ta' l-attur skont l-espert mediku hija ta' wiehed fil-mija (1%).**

Imbaghad skont **rapport mediku *ex parte* tal-konsulent Mr Charles Grixti**, li ezamina lill-attur fit-2 ta' Marzu 2007[17] –

*"Mr Muscat sustained a fracture to the base of his left thumb which needed fixation with a wire. The fracture has healed but Mr Muscat remains with some limitation of movement in his left thumb and in particular in bending it and*

[17] Fol 92 et seq fil-process konness 181/08

*opposing it to the little finger. Both these movements can interfere with daily use.*

*I rate the patient's permanent residual disability at 3% (three percent)."*

Il-Qorti tinnota li minkejja li l-attur kien talab il-hatra ta' periti perizjuri sabiex jikkonstataw id-dizabilita' tieghu[18], u minkejja li b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Jannar 2013 gew mahtura tlett periti perizjuri[19], mill-atti ma jirrizultax li l-ezami tal-attur minn dawn l-esperti sar u lanqas ma gie prezentat xi rapport minnhom fir-rigward. L-attur lanqas ma jidher li kompla jinsisti li dawn il-periti perizjuri jespletaw l-inkarigu taghhom.

Huma ghalhekk dawn iz-zewg rapporti succitati li jixhtu dawl dwar il-feriti li sofra l-attur kawza tal-incident u l-permanenza taghhom.

**5. Responsabbilta' ghall-incident**

L-evalwazzjoni tal-Qorti trid twassal sabiex jigi stabbilit jekk il-partijiet jew min minnhom ghandhomx igorru responsabbilta' ghall-incident u *se mai* f'liema grad.

Fir-rigward tal-attur, bhala s-sewwieq tal-mutur huwa certament kellu l-obbligu li jezercita *proper look-out* ghal dak li kien hemm fit-triq.

Fil-kaz fl-ismijiet **Kevin Vella vs David Briffa deciz fis-7 t'Ottubru 2015**[20] il-Qorti qalet hekk:

*"Dan il-kuncett ta' proper look-out gie addottat mill-Qrati Inglizi fil-kawzi Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Limited, fejn il-Qrati Inglizi rritenew:*

[18] Fol 95
[19] Fol 98
[20] Rik Nru 310/07 Prim Awla tal-Qorti Civili

*"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

L-istess kuncett gie mhaddan fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **George Scicluna et vs Victor Cini deciza fil-5 t'Ottubru 2001**, fejn gie ritenut:

*".....Regola fondamentali li tiggverna s-sewqan, dik cioe' illi min isuq kellu jkun f'kull hin konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'posizzjoni li tempestivament jirreagixxi ghal kull eventwalita'." Vide ukoll* ***Zahra vs Vassallo*** *deciza fil-15 t'Ottubru 2003".*

Il-familjarita' o meno tas-sewwieq maz-zona partikolari m'hijiex fattur deciziv la favurih u lanqas kontrih ghax sewwieq huwa tenut li jrid jezercita' *proper lookout* ikun fejn ikun, kemm jekk hi zona li maghha hu familjari u anke jekk m'huwhiex. Naturalment huwa importanti l-principju li sewwieq huwa tenut li jzomm *proper look-out* ghal **dak li huwa ragjonevolment vizibbli**. Dan b'mod specjali meta jkun bil-lejl.

Kif inghad fil-kaz **Joseph Mifsud proprio et noe vs Tania Craus deciz fis-7 ta' Ottubru 2005**[21] **-**

*"Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli..." 'Reasonable look out' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun*

[21] App Nru 1417/96

*ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol. LXXXII.III.322]. 'The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]."*

Elenkati dawn il-principji gurisprudenzjali, il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li l-attur u martu Claire Said it-tnejn jghidu li huwa ma kienx ghaddej isuq b'velocita' gholja fil-hin ta' qabel l-incident. Huma jghidu li kienu qeghdin isuqu b'velocita' circa 40 km/h[22].

**Duncan Baldacchino, xhud okulari tal-incident,** qal hekk –

*"Bhala speed ma kienx ghaddej eccessivament, forsi 70 kilometru. Kieku, peress li kien mutur kbir tisimghu ukoll[23]."*

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li l-velocita' li kien ghaddej biha l-attur kienet wahda moderata.

Inoltre dakinhar il-kundizzjonijiet tat-temp kienu tajbin u ma kienx hemm xita. Isegwi li l-elementi tan-natura ma setghux ikkawzaw jew ikkontribwew ghall-dan l-incident.

**L-attur** jatribwixxi l-kawza tal-incident ghal zewg fatturi: (a) il-hmieg u zrar li kien hemm minhabba l-qtugh u l-bini tar-roundabout; u (b) nuqqas ta' dawl u sinjali. Huwa jixhed hekk[24] -

*"Nghid kif wasalna fil-post fejn illum hemm il-pompa tal-petrol, nghid li kien hemm arblu fin-nofs. Nghid li madwar l-arblu kien hemm anke l-hmieg ma' l-art….Nghid ma kien hemm l-ebda dawl jindika li minn traffic island saret roundabout….Inzid nghid li lanqas kien hemm ebda sinjali fejn kien hemm Work in Progress lanqas. Li gara li meta l-mutur hass dan il-hmieg li kien*

[22] Xhieda ta' Claire Said a fol 42
[23] Fol 61
[24] Fol 46 et seq

*hemm ma' l-art, skiddja u jiena pruvajt inzomm il-mutur izda ghalxejn, spiccajna ma' l-art."*

Minn naha taghha, martu **Claire Said** tikkonferma dan. Hija xehdet li[25] –

*"Ahna konna nezlin mir-Rabat fi Mdina Road.....u ftit qabel ma hemm il-pompa tal-petrol il-gdida, ir-ragel sab ruhu f'diffikultajiet meta sab roundabout gdida li ma kinitx hemm qabel. Ma kien hemm l-ebda dwal li kienu qed isiru xi xoghlijiet. U kif wasalna ezatt, ftit metri boghod mir-roundabout, il-mutur telaq minn tahtna minhab*

*ba zrar u hmieg li kien hemm meta nqatghet u saret ir-roundabout."*

Ix-xhud **Duncan Baldacchino** qal hekk –

*"Jiena kont hiereg minn naha ta' Misrah Kola ghat-triq tar-Rabat. Waqaft ghax kien gej mutur min-naha tar-Rabat u kienet ghadha ssir roundabout gdida. Issa ndunajt li tal-mutur li kien gej minn faccata tieghi ghax jiena kont qed nistenna biex nohrog, tal-mutur ma ndunax b'din ir-roundabout ghax ma kienux ghamlu tabelli u baqa' diehel gor-roundabout.....Bhala dawl li kien hemm poor, kienet qisha construction site u ma kienx hemm tabelli. Fil-fatt fejn saret ir-roundabout it-triq kienet asfaltata pero' kien hemm hafna zrar man-naha tas-centre strip."*

Il-Qorti fliet ir-ritratti esibiti in atti, uhud mehudin l-ghada tal-incident, liema ritratti jixhtu dawl ampju fuq il-meritu tal-kaz, u taghmel is-segwenti osservazzjoniijiet:

1. Jidhru roqghat ta' hmieg u zrar mitluqa fuq it-tarmac fiz-zona vicin u madwar ir-*roundabout*, kif muri partikolarment mir-ritratt ZM 3[26], CS 4, CS1 u CS2[27]. Minn dawn ir-ritratti tidher proprju d-direzzjoni minn fejn kien gej l-attur bil-

[25] Fol 41 et seq
[26] Fol 54 fl-inkartament tal-kaz konness 181/08
[27] Fol 47 fl-inkartament tal-kaz konness 181/08

mutur, fejn fl-ahhar parti tat-triq kif wiehed ikun ser jaqbad ir-*roundabout*, u cioe' fejn tilef il-kontroll tal-mutur l-attur, jidher ammont konsiderevoli ta' hmieg u zrar. Din kienet iz-zona fejn saru x-xoghlijiet mis-socjeta' konvenuta Schembri Barbros Ltd. Jidher ukoll l-arblu mmejjel lejn it-tarf tar-roundabout (Ritratt CS 3[28]);

2. Ir-ritratti mmarkati minn CS 5 sa CS 8 juru z-zona kif kienet tidher bil-lejl, meta sar l-incident. Mhemmx dubju li z-zona hija kwazi dlam cappa. Anke jekk kif xehed l-attur, illum il-gurnata hemm dawl f'dik iz-zona, f'dik l-epoka ma kienx hemm[29]. L-attur kompla jixhed hekk –

*"Kif inzilt mit-Tattingers qbizt lil Ta' Qali hemm dawl, imbaghad tigi din il-kurvatura u minn hemm 'l hemm ma kienx hemm[30]."*

3. Id-dawl tal-mutur, li l-attur jikkonferma li kien mixghul fil-hin tal-incident[31]ma jistax ragjonevolment jitqies li kien bizzejjed biex l-attur ikollu vizwali cara u tajba taz-zona shiha fejn sehh l-incident. Inoltre, dok CS 7 juri biss dawl minimu fuq ix-xellug tat-triq minn hanut tal-hwejjeg tat-tigijiet u jidher ukoll arblu fuq il-lemin tat-triq (li lanqas biss kien fid-direzzjoni li minnha kien gej l-attur) li fih ftit zebgha fluorexxenti u bozza tad-dawl mitfija. F'dok CS 8, li ttiehed fiz-zona fejn l-attur tilef il-kontroll tal-mutur, l-unika haga li tidher ftit huwa d-dawl baxx tal-arblu fir-*roundabout*. Ir-*roundabout* prattikament ma tidhirx, u wisq inqas it-trab u z-zrar li kien hemm fil-post. Lanqas tidher il-parti t'isfel tal-arblu jew il-ventijiet li kienu qeghdin izommuh.

Fic-cirkustanzi l-Qorti ma tistax tatribwixxi xi tort lill-attur li, minghajr ma kellu vizibilita' ragjonevoli ta' dak li kien hemm mal-art u fil-vicinanzi mmedjati, gie rinfaccjat b'mod inaspettat b'dan iz-zrar u hmieg li minhabba fihom tilef il-kontroll u spicca gor-roundabout bl-arblu fiha bil-konsegwenzi

[28] Fol 47 fl-inkartament tal-kaz konness 181/08
[29] Fol 285 fl-inkartament tal-kaz konness 181/08
[30] Fol 285 fl-inkartament tal-kaz konness 181/08
[31] Fol 286 fl-inkartament tal-kaz konness 181/08

kollha li sehhew. Difficilment fic-cirkostanzi jista' jigi pretiz mill-attur li huwa jkun ragjonevolment f'qaghda li jikkontrolla l-mutur tieghu biex jigi skapulat dak il-hmieg u z-zrar u biex jigi evitat l-incident.

**Ghaldaqstant l-attur m'ghandu jgorr ebda responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni.**

Imiss issa jigi ezaminat jekk hemmx responsabbilta' li ghandha tingarr mis-socjeta' konvenuta Schembri Barbros Ltd u/jew l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport.

Fl-ewwel lok, ghal dak li jirrigwarda lil Schembri Barbros Ltd, il-provi juru li l-applikazzjoni ghall-permess biex isiru x-xoghlijiet in kwistjoni saret minn Anton Schembri ghan-nom taghha[32] u l-permess originarjament inhareg mill-4 ta' Settembru 2006 sat-12 t'Ottubru izda mbaghad gie estiz sat-3 ta' Novembru[33].

**Anton Schembri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta** jghid li x-xoghlijiet in kwistjoni tlestew qabel il-31 t'Ottubru 2006, u cioe' qabel id-data tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri[34]. Skont Schembri u d-dokumenti prezentati minnu[35] huwa jghid li x-xoghlijiet tlestew fl-20 t'Ottubru. Jghid ukoll li[36] –

*"Qed nigi mistoqsi jekk fit-3 ta' Novembru 2006 jekk it-triq kinitx lesta u ahna tajna l-handover nghid li l-ghodda taghna kif ukoll is-signage temporanju li kellna on site meta kien qed isir ix-xoghol kien kollu tnehha u t-triq kienet miftuha normali ghall-pubbliku."*

Dwar is-sinjaletika huwa jghid li kienu wahhlu sinjali[37] –

---

[32] Fol 21
[33] Xhieda ta' Joseph Chircop ghan-nom tal-Awtorita' konvenuta a fol 103
[34] Fol 102D et seq
[35] Dok AS2 a fol 210 u Dok AS 1 sa Dok AS4 – a fol 126 et seq fl-inkartament tal-kaz konness 181/08
[36] Fol 102E u 102F
[37] Fol 102E

*"waqt li li ahna ghaddejjin bix-xoghol li turi lin-nies li qed tahdem ix-xoghlijiet. Imbaghad hemm road signs ohrajn li meta inti tiftah it-triq ghall-pubbliku li x-xoghlijiet kollha jkunu lesti. Jiena nista' nghid li fid-data tal-incident li kien f'Novembru, ix-xoghlijiet kollha kienu lesti u ahna kellna stallat ir-road signs li baqghu hemm hekk sal-lum."*

Schembri jkompli jghid li kien fil-31 t'Ottubru li huma nstallaw id-*directional signs* u l-glass markers fuq is-sit[38]. Huwa jghid ukoll li r-ritratti esibiti bhala Dok AS2 u AS3 a fol 127 u 128 tal-kaz konness "*ittiehdu meta meta tlestew ix-xoghol ezatt*[39]*.*"

Jigi nnutat ukoll li fost il-kundizzjonijiet marbuta mal-permess mahrug mill-Awtorita' konvenuta, is-socjeta' Schembri Barbros Ltd kienet marbuta li –

- Taghmel *"Adequate signage to be set out 24hs a day for the whole duration of the works*[40]*;*

- *"All excavated material is to be carted away from site on its being excavated and during backfilling inlay the immediately required quantities of material are brought to site at any time*[41]*";*

- *"The Contractor shall regularly monitor the works carried out under this permit to insure satisfactory performance in accordance with specifications and conditions herein....*[42]*";*

- *"Chapter 10 Section 33*

[38] Fol 102E
[39] Fol 102E
[40] Fol 25
[41] Fol 30 – kundizzjoni enumerata 1.
[42] Fol 31-31 – kundizzjoni enumarata 22.

*"A sufficient light shall also be placed, during the night on or near the materials lying in the street, by the person who shall have laid there such materials on the occasions of any building, repair or excavation[43]"*

- *"Chapter 10 Section 34*

*"It shall not be lawful to leave in any street, building materials or other obstructions…."*

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ssib li fuq bazi ta' probabilta' huwa minnu li x-xoghlijiet mis-socjeta' konvenuta kienu lesti almenu sad-data tal-incident. Dan jirrizulta mhux biss mid-dokumenti esibiti u mis-senjalitika li tindika li saret roundabout gdida izda wkoll ghax il-permess ghal tali xoghlijiet kien jiskadi dakinhar stess li sehh l-incident 3 ta' Novembru 2006 u ma kienet intalbet ebda estensjoni ghat-tkomplija tax-xoghlijiet.

Madankollu s-socjeta' konvenuta ma tistax tahrab mir-responsabbiltajiet taghha bhala kuntrattur. Is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu li wara t-tlestija tax-xoghlijiet **ma thalli warajha ebda periklu ghas-sewwieqa u l-utenti tat-triq**. Anton Schembri ghan-nom taghha kien xehed hekk[44] –

*"Ahna bhala permess jorbotna li ma nhallux periklu warajna on site.* ***U dik hija wahda mill-prijorita' illi ma nhallix periklu ghal terzi li on site tkun qeghda safe all the time, during the works <u>u iktar u aktar meta jien inhalli s-site</u>[45]****. Il-Field Officers minn naha ta' Transport Malta jigu jiccekjaw illi s-site qeghda adequate biex it-traffiku jista' jghaddi minghajr road safeties illi ghandi bzonn naghmel jien bhala kuntrattur."*

Il-provi li tressqu juru li din is-socjeta' ma aderietx mal-obbligu taghha li ma thalli ebda periklu warajha. Il-fatt wahdu li l-Awtorita' konvenuta ma hadet ebda passi kontriha ma jezonarhiex mir-responabbilta' lanqas. Ir-ritratti in atti

---

[43] Fol 33
[44] Fol 273 fil-kaz konness 181/08
[45] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

ma jistghux hlief jixhdu t-traskuragni murija mis-socjeta' konvenuta li, wara li lestiet il-progett taghha, halliet trab u zrar imxerred fiz-zona minflok ma naddfet il-hmieg li kkreat hi stess minhabba dawn ix-xoghlijiet. Dan in-nuqqas mhux biss ikkawza periklu ghas-sewwieqa li kienu jkunu ghaddejjin minn hemm, izda kien dan l-istess nuqqas li proprju kien il-kawza prossima tal-incident stante li kien fuq dan it-trab u zrar li l-attur tilef il-kontroll tal-mutur u b'hekk sehh l-incident.

Inoltre u mir-ritratti esibiti, partikolarment dawk ta' bil-lejl li huma l-aktar rilevanti ghall-kaz tal-lum, jirrizulta li din is-socjeta' lanqas ma hadet dawk il-mizuri sabiex tassigura li r-*roundabout* tkun almenu vizibbli ghall-utent tat-triq bil-lejl. Anzi, kif jidher mir-ritratti fl-epoka tal-incident, ir-*roundabout* kienet imdallma hafna b'periklu ghal min ikun qed javvicinaha.

**Zgur ghalhekk li ghal din in-nuqqas ta' prudenza u diligenza ta' *bonus pater familias*, is-socjeta' konvenuta ghandha ggorr responsabbilta' ghal dan l-incident.**

Minn naha taghha l-Awtorita' konvenuta ghamlet kull tentattiv possibbli biex tiddistakka ruhha mill-incident *de quo*.

Fl-ewwel lok, mhuwhiex kontestat li x-xoghlijiet in kwistjoni saru fuq inkarigu ta' terzi u l-Awtorita' ma kellha ebda sehem fl-ikkummissjonar tal-progett. Kif xehed **il-perit David Vassallo**[46]-

*"L-Awtorita' kull ma ghamlet li harget il-permess biex isiru r-road works fit-triq in kwistjoni. L-Awtorita' la qabbdet il-kuntrattur u lanqas hallset ix-xoghlijiet."*

**Joseph Chircop**, ukoll ghan-nom tal-Awtorita' xehed hekk[47]-

[46] Fol 82
[47] Fol 102B et seq

*"Qed nigi mistoqsi min-naha tal-ADT x'naghmlu biex nassiguraw ruhna li l-kuntrattur irid joqghod mal-klawsoli u kundizzjonijiet li jkollu fil-permess nghid li jkun hemm il-perit in charge tad-distrett li mieghu ikollu n-nies li jaghmlu inspections on site….Qed nigi mistoqsi x'inhi l-procedura meta jkun hemm kaz fejn il-kuntrattur ma jaderix mal-kundizzjonijiet li jkollu fil-kuntratt nghid li ovvjament jekk jirrizulta dan ahna min-naha taghna l-ewwel naghtu twissija billi niktbulu bil-miktub u sussegwentement….jekk jirrizulta xi nuqqas min-naha tieghu jinzammulu l-flus li jkollu bhala garanzija."*

Bhala fatt, kif konfermat minn dan ix-xhud stess, l-Awtorita' la baghtet xi ittra ta' twissija lis-socjeta' konvenuta u lanqas haditilha l-flus tal-garanzija. Chircop ikompli –

*"Skond ir-records taghna jidher ghalhekk li Schembri aderixxa mal-kundizzjonijiet li kellu[48]."*

Imbaghad **Anton Schembri** xehed li[49] –

*"Mistoqsi jekk waqt li konna qed naghmlu x-xoghlijiet jekk kienux gew ufficjali tal-ADT jiccekkjaw nghid li bhala field officers kienu jigu 3 darbiet fil-gimgha u bhala perit kien jaghmel spezzjonijiet tax-xoghol ukoll."*

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-Awtorita' ghandha wkoll iggorr responsabbilta' ghal dan l-incident, anke jekk mhux fi grad gholi daqs is-socjeta' konvenuta.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Awtorita' dwar it-Trasport, anke jekk ma kinitx hi l-klijent li ordnat ix-xoghol, xorta kellha d-dover li tassikura ruhha li l-kuntrattur qieghed jaderixxi ruhu mal-obbligi **kollha** tal-permess. Dan kif ammess mir-rapprezentant tal-Awtorita' stess. Izda anke jekk ir-rapprezentanti ta' din l-Awtorita' xehdu ( kif konfermat minn Anton Schembri tas-socjeta' konvenuta)

[48] Fol 102C
[49] Fol 117F

li kienu regolarment imorru periti u *field officers* taghha biex jispezzjonaw ix-xoghlijiet *in corso*, ma jistax jigi konkluz li d-dover ta' sorveljanza tal-Awtorita' gie moqdi kif inhu rikjest minnha. Dan ghaliex hija ppermettiet li wara t-tlestija tax-xoghlijiet sa meta sehh l-incident it-triq tibqa' biz-zrar u hmieg tax-xoghlijiet li saru mis-socjeta' konvenuta u ma hadet ebda passi kontriha kif kellha l-obbligu li taghmel fic-cirkustanzi. La kuntrattur li hadem fi triq pubblika halla materjal ta' zrar u hmieg fiz-zona tax-xoghlijiet wara li dawn tlestew, b'periklu ghas-sewwieqa, skatta nuqqas tal-kuntrattur li l-Awtorita' kellha d-dover li tagixxi dwaru b'mod immedjat. Anzi, kif juru r-ritratti, il-hmieg u z-zrar kienu qeghdin sahansitra jghattu parti mis-senjalatika tal-art[50] – dan matul il-jum, ahseb u ara kemm setghet tali senjalatika tidher sew bil-lejl ghall-utenti tat-triq. Nonostante dan kollu, l-Awtorita' ma harget ebda twissija kontra s-socjeta' konvenuta u lanqas ippenalizzatha.

Inoltre, l-Awtorita' ghandha d-dover ta' sorveljanza u l-immanigjar tat-traffiku fit-toroq b'mod kontinwu u dan kif johrog mill-funzjonijiet generali taghha skont il-Kap 332. Fil-kuntest tal-kaz odjern, tenut kont tad-dlam konsiderevoli li kien hemm fit-triq fl-epoka tal-incident, l-Awtorita' ma jirrizulta li hadet ebda passi konkreti sabiex tiggarantixxi *traffic management* adegwat f'din it-triq arterjali f'kull hin tal-gurnata sabiex jigi evitat il-periklu ghas-sewwieqa, partikolarment matul il-lejl.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti lanqas ma tista' taqbel intierament mal-lodo arbitrali esibit in atti in kwantu f'dak il-kaz, fir-rigward ta' incident li kien sehh ftit taz-zmien qabel, kienet biss is-socjeta' Schembri Barbros li kienet instabet responsabbli.

[50] Ara ez. Ritratti a fol 127 u 128

Il-fehma ta' din il-Qorti dwar ir-responsabbilta' li ghandhom igorru l-konvenuti msemmija hija ulterjorment imsahha bil-fatt li kif urew il-provi mressqa fil-kaz, f'dak il-perjodu li fih sehh l-incident *de quo* kien hemm numru konsiderevoli ta' incidenti stradali ohra fl-istess zona. Infatti apparti l-incident tal-attur, il-lodo arbitrali esibit fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Ltd vs Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta**[51] jitratta incident fejn is-sewwieq kien gej mill-istess direzzjoni tal-attur odjern u wkoll bil-lejl. Minhabba nuqqas ta' vizwali disponibbli huwa habat mac-*central strip* li kien hemm vicin l-istess *roundabout* li ssemmiet ukoll fil-proceduri odjerni. Inoltre, Pulizija li xehed f'dawk il-proceduri xehed ukoll li: *"waqt li kont qed naghmel dan ir-rapport, niftakar li giet vettura ohra u dahlet fir-roundabout li semmejt*[52]*."*

Anke fil-proceduri odjerni, ix-xhud **Duncan Baldacchino** xehed li[53] -

*"l-ghada (tal-incident) tlajt nara peress li noqghod hemm hekk u anke l-papa tieghi cempel hafna drabi l-Works Department ghax barra l-incident tal-mutur rajt xi zewg habtiet ohra jsiru quddiemi u jibqghu telghin fuq ir-roundabout."*

**Il-Qorti tqis li fic-cirkustanzi s-socjeta' konvenuta ghandha ggorr zewg terzi tar-responsabbilta' filwaqt li l-Awtorita' ghandha terfa' terz tar-responsabbilta' ghal dan l-incident.**

Fic-cirkustanzi ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tal-attur.

## 6. Likwidazzjoni u hlas ta' danni

[51] Nru 1315/07 a fol 111 et seq
[52] Fol 113 xhieda ta' PS 1131 Justin Camilleri
[53] Fol 61

Fl-isfond tal-konkluzjonijet tal-Qorti dwar ir-responsabbilta' ghall-incident *de quo*, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talba tal-attur dwar il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi –

***"1045.*** *(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, ittelf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Spiridione Zammit vs Mario Bonello deciz ricentament fit-30 ta' Marzu 2017**[54] din il-Qorti diversament preseduta gabret rassenja tal-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet*

[54] Rik Gur 836/01LSO

*aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard***":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks"*** *P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tallucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[55]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[56].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

---

[55] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*

[56] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death….." (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

*Illi minn ezami tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizulta li l-multiplier adoperat kien varja u kien ta':-*

*- 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004;*

*- 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967;*

*- 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29- Ott-1970;*

*- 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1- Ott-1982;*

*- 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15- Sett-1999;*

*- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991;*

*- 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980;*

*- 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004;*

*- 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov- 2003;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun- 2004;*

*- 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005;*

*- 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena* ***Sammut vs Zammit*** *App Civ Sup 3- Dic-2004;*

*- 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena* ***Mizzi vs Azzopardi*** *PA 16-Dic-2004.*

*Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara* ***Bugeja vs Agius*** *fuq imsemmija] proprju minnhabba l-kontingenzi tal-hajja (chances and changes of life).*

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-lump sum payment b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkun ghadda zmien qasir mill-avveniment dannuz u s-sentenza finali (****Scicluna vs Meilaq*** *PA 16 ta' Lulju, 2001).*

*Fil-kawza fl-ismijiet "****Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe****." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz* ***"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"*** *deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien*

*ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** *(P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "****Agius vs Fenech****" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "****Sylvester Tabone vs Carmen Abela"**** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u* ***"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd****." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern il-Qorti tibda billi tqis li l-attur ma gab ebda prova li huwa nkorra xi spejjez relatati ma' *damnum emergens*.

Ghal dak li hu ***Lucrum Cessans:***

a. Dwar il- **persentagg ta' dizabbilita'** l-Qorti wara li kkunsidrat il-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-espert mediku ex parte u ta' dak imqabbad minnha, sejra tadotta l-**persentagg ta' 1%** kif indikat minn Mr Massimo Abela.

b. Dwar il-multiplier, min-numru tal-karta tal-identita' tal-attur, jirrizulta li huwa twieled fl-1979 u allura fid-data tal-incident kellu 27 sena. Kif inghad, il-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghall-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni. Il-Qorti tqis li l-*multiplier* ghandu jkun ta' hamsa u ghoxrin **(25) sena**, tenut kont tal-età ta' l-attur fi zmien ta' l-incident, tal-*working life expectancy* tieghu f'xenarju fejn il-*life expectancy* tal-Maltin gholiet sostanzjalment, u liema multiplier qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

c. Ghal dak li huwa **salarju**, l-attur xehed[57] li fl-epoka tal-incident huwa kien jiehu hsieb il-banka tal-lottu tar-Rabat bin-numru 324. Minkejja li kien obbliga ruhu li jesebixxi kopja tal-income tax returns tieghu, dan baqa' m'ghamlux. Il-Qorti sejra ghalhekk taghmel il-kalkoli taghha fuq il-paga minima nazzjonali kif stabbilita' skont **l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (L.S. 452.71)** mis-sena li fiha sehh l-incident stradali in kwistjoni.

Sena 2006 – € 6,984.64
Sena 2007 – €7,222.80
Sena 2008 – €7,404.28
Sena 2009 – €7616.44
Sena 2010 – €7919.08

Id-dhul medju ghas-snin 2006, 2008, 2009 u 2010 huwa ghalhekk meqjus li kien ta' circa €7430 fis-sena li maghha ser izzid is-somma ta' €570 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

[57] Fol 47

**B'hekk il-qliegh annwali ser jigi kalkulat fuq €8000.**

Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza nfethet ftit aktar minn sena wara l-incident u s-sentenza sejra tinghata disa' snin wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Ma jirrizultax li kien hemm dilungar inutili mill-partijiet. Fic-cirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis ghandu jkun ta' 8 %.**

L-ammont dovut lill-attur bhala ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej:

**€8,000 x 1% x 25 = €2000 – 8% = €1,840**

**In vista tal-mod kif giet deciza r-responsabbilta', din is-somma ghandha tithallas hekk –**

**Elf mittejn u sitta u ghoxrin Ewro (€1226.00) jithallsu mis-socjeta' konvenuta u sitt mija u tlettax il-Ewro (€613.00) jithallsu mill-Awtorita' konvenuta.**

In vista tas-suespost it-tieni u t-tielet talba tal-attur sejrin jintlaqghu filwaqt li l-bqija tal-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti sejrin jigu michuda.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tilqa' l-eccezzjoni prelminari tal-Kunsill Lokali Attard u tiddikjara illi mhuwhiex legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u tilliberah ghalhekk mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet taghha;**

3. **Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' Schembri Barbros Ltd;**

4. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara lis-socjeta' Schembri Barbros Ltd u lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta responsabbli ghall-incident u d-danni kollha sofferti mill-attur, liema responsabbilta' ghandha tinqasam hekk: tlett kwarti ghandha tingarr mis-socjeta' Schembri Barbros Ltd u kwart mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;**

5. **Tilqa' t-tieni talba attrici u tillikwida s-somma ta' elf tmien mija u erbghin Ewro (€1,840) bhala danni sofferti mill-attur kawza tal-incident stradali tat-3 ta' Novembru 2006;**

6. **Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' Schembri Barbros Ltd thallsu s-somma ta' elf mitejn u sitta u ghoxrin Ewro (€1,226.00) u lill-Awtorita' dwar it-Trasport is-somma ta' sitt mija u tlettax il-Ewro (€613.00);**

7. **L-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu hekk: tlett kwarti jkunu a karigu tas-socjeta' Schembri Barbros Ltd u kwart ikunu a karigu tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, hlief ghal dawk tal-Kunsill Lokali Attard u tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Deputat Registratur**